MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2011

Numru. 881/2011

Il-Pulizija
(Sp Christopher Pullicino)
vs
Ryan Fenech, iben George, imwieled Pieta' fit-12 ta' Awwissu, 1986, Karta ta' l-Identita numru 369786(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fit-13 ta' Settembru, 2010 fil-Belt, Valletta, bħala persuna li minħabba l-istat, professjoni jew kariga tiegħu, sar id-depożitarju ta' sigriet li ġie fdat lilu, kixef dan is-sigriet.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-seduta tal-1 ta' Novembru, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanah għal ħlas ta' multa ta' seba' mitt euro (€700).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------